# Noti Filoloġiċi

*Ta'* Dun Pawl

1. "Venit videns".

"Quousque animam nostram tollis?"

"Ad quid venisti?"

Dawn l-espressjonijiet tal-Vanġelu kemm jaqblu mal-Malti u m'għandhom xejn mil-Latin.

Maqlubin għall-Malti jiġu hekk:

"Ġie jara."

"Kem ser iddum toħdilna ruħna?"

"Fejn ġejt!"

Ebda latinista ma kien dawn l-espressjonijiet jaqlibhom għal-Latin kif qalibhom San Ġlormu, imma kien iħabbat ftit rasu biex isib l-espressjonijiet *ekwivalenti* għalihom fil-Latin; mhux hekk għall-Malti, għax dawk l-espressjonijiet lisibhom f'ilsienu kelma b'kelma kif fil-Vanġelu.

2. "Ad quid venisti"?

Din l-espressjoni għandha tinqaleb għall-Malti hekk: Fejn ġejt! u mhux: Għalfejn ġejt? Ġesù Kristu, bħala Alla, kien jaf għalfejn kien mar Ġuda; hekk li tenna jgħidlu: "Ġuda, b'bewsa tbiegħ lil Bin-il-bniedem?" Mela qallu: Fejn ġejt!, f'liema ħażen ġejt, wasalt, biex forsi jiftaħ għajnejh u jindem.

3. "Effetah", "kumi", "Eli, Eli, lama sabactani?"

Dal-kliem ta' Ġesù Kristu, miġjub fil-Vanġelu kif lissnu Hu, jixhed li l-kliem li kien jitkellem bih Ġesù Kristu kien jixbah sħiħ lill-Malti. F'Eli (Alla tiegħi) innota s-suffiss pronominali *i*, sewsew bħalma fil-Malti: missieri (il-missier tiegħi).

Aktarx li għal *sbaqtni* jgħidu: *bżaqtni*; dan imħabba li ma jafux sewwa l-Malti u jibdlu kelma m'oħra, u għax ukoll il-kelma ta' l-aħħar hi aktarx fil-fomm.

4. Kliem Malti fl-ilsien Taljan:

Kemmun—comino; Mistur—mistero; Fondoq—fondaco; Flien—Tizio e folano; Tarzna (jew Dar is-sengħa)—darsena.

5. "Si autem in potentibus octoginta anni; et amplius eorum labor et dolor" (Salm 89 v. 11).

*Tifsira*: Jekk imbagħad fil-felħanin (nies tas-saħħa) l-ħajja ttul tmenin sena; il-biċċa l-kbira tagħhom taħbit u niket.

6. "Funes ceciderunt mihi in praeclaris; et enim haereditas mea praeclara est mihi" (Salm 15 v. 7).

X'kienu dawn il-*funes*? Ħbula li jorbtu bihom? U kieku, ngħid jien, kien ser jiftaħar bil-wirt li messu? Mela x'kienu? Oqsma tar-raba', jew ħbula, kif insejħu'hom aħna, p.e. Ħabel it-twil. U dan iwettqu l-kliem tas-Salm 104 v. 11: "Dicens: Tibi dabo terram Chanan, funiculum haereditatis vestrae".

Innota l-kelma: *ceciderunt*, li fil-Latin ma timxix, bħalma fil-Malti: *weqgħu fuqhom*, messewhom.

7. Tifsir ta' ismijiet bibliċi.

Michael—Min-bħal-El (Alla), il-għajta ta' l-Arkanġlu fissilta ma' Luċifru: "Quis ut Deus?"

Gabriel—Il-ġabra t'Alla: *Fortitudo Dei*, kif jaqilbuh għal-Latin.

Raphael—Ir-Refgħa t'Alla: *Medicina Dei*, kif idawruh għal-Latin. Il-mediċina tarfa'.

Dalila—Dliela (xuxitha twila) hekk isejħulha bil-Malti nagħġa sufha twil.

Samwel—Sama' 'l Alla. Ara 1 Ktieb tas-Slaten kap. 3 tal-Bibbja.

Emanuel—Magħna Alla: isem l-Iben t'Alla, li ħa l-ġisem u għammar fostna: "Verbum caro factum est et habitavit in nobis."

Haceldama—Għalqa d-demm.

Susanna—l-Ġiljuwa: susan bil-Malti, ġilju bit-Taljan. Warrabna l-kelma Maltija u ħadna għaliha l-kelma Taljana; bħalma għamilna għal bosta u bosta kliem ieħor, infaqqru dejjem u dejjem iżjed ilsienna u ninsew dak li li jgħid il-qawl Malti: "Min ibarri (jwarrab) ilsienu, jbarri ġensu (in-nazzjonalità)." Il-lingwa li tagħmel in-nazzjon. Imma nerġgħu għal Susan jew il-Ġiljuwa. Kemm joqogħdilha tajjeb dan l-isem għall-qlubija li biha rebħet it-tiġrib li sabet ruħha fih u hekk seddqet fiha is-safa. Nistħajjel li min jaqra jaf bil-ġrajja ta' Susanna.

8. Deus, Dio (bit-Taljan)—dija.

Tara xi xebh bejn dawn il-kelmiet? Haġa li jaraha kulħadd, tgħidli int. Iżda Caruana, fid-Dizzjunarju tal-Malti li kiteb, jara iżjed; mhux biss li dawk il-kelmiet jixxiebhu, imma wkoll li huma neżlin, ġejjin minn xulxin. Ara x'jikteb taħt il-kelma *Dija*: "Sanscrito: dya, *splandore*, *gloria*; diu, *il dio della luce e del cielo*, da cui dies,, *la luce del giorno*, e deus, donde l'italiano *dio*."

9. Qatt għaddielek minn rasek li *figatell* tiegħu hi ġejja mill-kelmiet Franċiżi, magħduda bil-ħatfa, *infant gatè* (tifel imfissed)?

10. "Custodi innocentiam et vide aequitatem" (Salm).

*Vide* hija t-tieni twissija wara dik ta' *custodi*. Iżda *vide* mhix *sinonimu* ta' *custodi*, jiġifieri li, għalkemm mhux fis-sura, taqbel magħha fit-tfsir. U għalhekk San Ġrolmu ma jasalx biha għall-ħsieb tiegħu, li jfisser dak li hu. Li kieku kien qed jaqleb għall-Malti, *vide* (ħares) kienet tkun il-kelma f'waqtha.

11. *Il-man* (mill-Għarbi) hu l-isem bil-Malti ta' dak li jqassam il-logħob. Minnu ġie fit-Taljan *almanacco*, li jqassam il-jiem tas-sena. Din mhix minn żmiedi, imma jgħidha Caruana, li semmejnih fil-għadd 8, u li f'dil-biċċa xogħol jinqala', għat-tagħrif li għandu ta' l-ilsna li minnhom hu mnissel tagħna.

12. *Titqarben* hu *verb riflessiv* u jfisser "tagħmel lilek qarib". L-ebda ġens kattoliku ma għandu kelma bħal din, li tgħid x'inhi sewwa u fix qiegħda l-Komunjoni Mqaddsa. Fiha aħna *nitħalltu* ma' Ġesù, insiru qraba. Isma' x'jgħid S. Ċirillu fuq il-misteri divini (l-Ewkaristija): "...quibus digni redditi, concorporei, ut ita dicam, et *consanguinei* Christi facti estis" (Catechesi mystagog. 4); li jfissru: Meta stħoqqejtuhom, sirtu ġisem wieħed, biex ingħid hekk, u qraba ma' Ġesù.

"Posuit pluvias... ignem comburentem in terra..." (Salm 104, v. 31), li jfissru: Qiegħed ix-xita... nar jaqbad fl-art... Din l-espressjoni biblika kemm taqbel mal-qawl Malti: Xita f'San Mark *nar fl-art*.

Kellu għalhekk tassew raġun Annibale Preca, li ħadem, tista' tgħid għomru kollu, biex jerġa' jagħti l-ħajja 'l ilsien Malti u jsaffih mit-tniġġis barrani, joħroġ ktieb taħt l-isem ta': *Il maltese affine all'ebraico*—"L-ilsien Malti qrib għall-Ebrajk", jew tal-Lhudi, li kien il-ġens (poplu) maħtur t'Alla.